MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 85/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta’ estera AXA Insurance plc, gia’ Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata tad-drittijiet tal-assikurat taghha Stanley Borg Cardona u b’nota tat-13 ta’ Mejju 2004 is-socjeta’ Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera’ AXA Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stanley Borg Cardona assumiet l-atti u l-istess Stanley Borg Cardona**

**Vs**

**Mary Costa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannat li thallas lill-istess socjeta' attrici nomine et s-somma komplessiva ta' tliet mija hamsa u sittin lira tmienja u disghin centezmu (Lm365.98c) – in kwantu ghal tliet mija u erbghin lira tmienja u disghin centezmu (Lm340.98c) lil Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lil Stanley Borg Cardona – in linea ta' danni mill-konvenuta kagunati u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Hal-Lija fit-13 ta' Jannar 1999 meta waqt li l-konvenuta kienet qed isuq vettura Nru EAJ 597 habat mal-bieba tal-vettura nru ABC 001, propjeta' tal-attur Stanley Borg Cardona, li kienet miftuha – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-29 ta' Novembru 1999, konta l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi ma tirrizulta l-ebda surruga tad-drittijiet meta assigurazzjoni thallas dak illi hija marbuta li thallas bil-kuntratt ta' assikurazzjoni ghaliex tkun qed tadempixxi l-obbligi taghha stante li tkun thallset il-premium minghand l-assikurat.

2. Fit-tieni lok, il-habta in kwistjoni saret unikament tort ta' Stanley Borg Cardona.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet l-ohra tal-istess konvenuta izda ffirmata min Avukat differenti (fol 15 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara tort tal-assigurat tal-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuta, fl-ewwel nota ta’ eccezzjonijiet taghha li tirreferi ghal ‘l-ebda surroga ….’ (fol 4 tal-atti) jkun sufficjenti li wiehed jara d-dokument anness mal-atti a fol 35 u a basi ta’ din il-prova konfermata minn Steohen Conti (fol 26 et seq ibid), din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illu dwar il-meritu ta’ dan il-kaz, mix-xhieda ta’ PS 833 Frances Seychell (fol 10 sa fol 15 tal-atti li nvestiga dan il-kaz u li esebixxa kopja tal-iskizz u rapport, relattivi ghall-istess kaz, jidher li dan l-incident gara fil-parti ta’ Triq Amabile Preca “kif tiftah ftit it-triq fejn hemm bini li ghadu kemm tela’. Inoltre involuti fih kien hemm zewg vetturi cjoe dik tal-assikurat tas-socjeta attrici nomine u bin-numri ta’ registrazzjoni ABC 001 tal-marka “Ford Fiesta” parkeggata fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq thares lejn id-direzzjoni tal-Knisja tal-Mirakli Lija, ossija “to Attard”, u dik misuqa mill-konvenuta tal-marka Mini Minor numri EAJ 597 u li kienet qed tinsaq fl-istess direzzjoni indikata. Mill-iskizz jigi notat li, fuq iz-zewg nahat tat-triq fejn gara dan l-incident, ma kienx hemm karozzi ohrajn parkeggati waqt li, fuq l-istess triq ma ‘gewx senjalati xi marki ta’ ‘brakes’ wara l-karozza misjuqa mill-konvenuta. A fol 14 tal-atti u b’referenza tal-imsemmi rapport, jinsabu verbalizzati dak li

stqarrew il-partijiet involuti wara l-incident in esami fis-sens li l-attur kien iddikjara "…. Li kien qed jaghlaq il-bieba tal-vettura u vettura EAJ 597 habtet maghha" waqt li l-konvenuta, da parti taghha qalet "…. Li kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' H'Attard u x-xufier ta' vettura ABC001 fetah il-bieba", zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmija vettura appartenenti lill-assikurat tas-socjeta' attrici nomine kienet ser tintuza minn ibnu, Andrew Borg Cardona (fol 36 et seq ibid) li xehed illi kif di gja kien stqarr lill-Pulizija, hu kien ghadu kemm dahal fl-istess karozza sabiex jmur ghax-xoghol u kif kien qed jaghlaq il-bieba fuq in-naha tas-sewwieq fuq il-lemin tieghu,, '…. Din (il-bieba) harbet minn idejja in vista li ntlaqtet minn karozza ohra ….'. Dwar dan hu cahad li filfatt kien fetah il-bieba meta gara dan l-incident (ara ukoll ix-xhieda ta' Stanley Borg Cardona", missier ix-xhud precedenti, li, pero', xehed "…. Ma rajt xejn x'gara' ghar-raguni specifikata a fol 43 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, meta xehdet (ara l-'affidavit' taghha a fol 48 tal-atti u l-kontroesami a fol 54 u 55 ibid) semmiet illi kien hemm karozzi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-Triq imsemmija li fi kliemha stess hi 'two way'. Minhabba hekk, l-ispazju disponibbli ghas-sewqan ta' vetturi kien 'limitat' u hi kienet kostretta li ssuq 'bil-mod hafna ' ossija '…. Bi tletin kilometri fis-siegha' . Kif kienet tiela' fid-direzzjoni tal-Knisja tal-Mirakli Andrew Borg Cardona li kien f'karozza parkeggata fuq ix-xellug taghha '… fetah il-bieba tal-vettura tieghu ghal fuq … tieghi' u dan sabiex johrog minnha. Skond dejjem l-istess konvenuta, bin l-attur, li kien sprovvist minn mera esterna fuq in-naha tal-lemin tal-karozza tieghu, fetah l-bieba f'daqqa ghalhekk lili hasadni ….. ' ossija kif wasalt mieghu'. Inoltre fil-kontro esami, hi xehdet b'mod dettaljat dwar il-vetturi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq cioe 'van' fuq in-naha l-ohra tat-triq li minnu kien qed jinhattu xi oggetti u l-karozza l-ohra

involuta f'dan l-incident. Ghalhekk, fl-ispazju ta' bejniethom setghet tghaddi biss, vettura wahda.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, ghandu jirrisulta, fuq basi ta' probabilta', illi l-konvenuta kienet qed issuq b'mod negligenti u bhala konsegwenza kkagunat dan l-incident. Mill-analisi tal-provi, ma jidhrix li jistghu jkunu ta' ghajnuna il-hsarat konsegwenzjali kif ukoll ir-ritratti esebiti in atti u li fuqhom huma murija il-hsarat kagunati fuq il-vetturi involuti. L-istess ghandu jinghad in rigward l-iskizz imsemmi hlief illi minnu jidher li l-konvenuta ma kienitx qed issuq b'xi volocita' eccessiva ghall-lokalita' fejn gara l-istess incident.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-unici provi li tista tikkonsidra huma dawk li stqarrew u xehdu l-partijiet involuti fih. Dwar dawn iz-zewg versjonijiet l-istess Qorti tara li, a basi ta' dak kollu premess, it-tnejn huma ugwalment kredibbli tenut kont li kif di gja gie sottomess ma hemmx xi prova ohra indipendenti mill-istess partijiet li tista' tikkorobora dak li xehed Andrew Borg Cardona u li tista' tikkonvinci lill-istess Qorti, dejjem fuq basi ta' probabilta illi s-socjeta attrici nomine et ipprovat dak li allegat fil-konfront tal-konvenuta, skond l-avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta attrici nomine et.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------